# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 02/2022

04 TA' NOVEMBRU 2022

# LICENZJAR TAL-KUNTRATTURI

Il-Kamra tal-Periti tilqa' t-tħabbira li għamel il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, Dr Stefan Zrinzo Azzopardi, rigward il-pubblikazzjoni imminenti tar-regolamenti dwar il-licenzjar tal-kuntratturi għall-konsultazzjoni pubblika.

Din it-taħbira saret wara xhur ta' laqgħat ma' uffiċjali fil-ministeru wara l-Laqgħa Straordinarja Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2022 li matulha il-professjoni insistiet illi r-regolamenti għandhom jiġu ppubblikati sa Ottubru.

Il-licenzjar tal-kuntratturi huwa pass kruċjali għat-tiġdid tal-industrija tal-kostruzzjoni, hu hija essenzjali sabiex il-pajjiż tagħna jkun jista' jilħaq l-istandards kwalitattivi u ambjentali neċessarji mitluba mill-pubbliku, stakeholders responsabbli, Direttivi Ewropej, u s-suq.

Il-Kamra ilha tikkampanja għall-liċenzjar tal-kuntratturi mill-2007, u wara negozjati b'saħħithom kienet ġabet Letter of Commitment iffirmata mill-Ministru responsabbli mis-settur ta' dak iż-żmien dwar dan wara numru ta' kollassi li kienu seħħew fl-2019.

Għalkemm għaddew iktar minn tliet snien mid-data tal-Letter of Commitment, il-Kamra baqgħet tippersisti dwar il-bżonn li l-kuntratturi jiġu liċenzjati u ser tibqa' tinsisti dwar dan sakemm tidħol b'mod adegwat sistema ta' licenzjar li tixraq għall-pajjiż.

Wara t-tħabbira tal-Ministru, il-Kamra kienet mistiedna għal-laqgħa sabiex fil-jiem li ġejjin tkun tista' tgħarbel il-verżjoni finali tal-abbozz tar-regolamenti. Il-Kamra ser tibqa' toffir l-assistenza teknika lill-Gvern sabiex tassigura li l-implimentazzjoni ta' din l-iżvilupp regolatorju tant important ma jsirx biss b'mod kompetenti u bla skossi, iżda ukoll mingħajr iktar dewmien.

127, Sliema Road
Gzira GZR 1633
Malta

t. +356 21314265
e. info@kamratalperiti.org
w. kamratalperiti.org

Kamra tal-Periti